Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TIELET LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 25 ta' April 2012

**Ħin:** Mill-5.30pm sas-6.40pm

**Prezenti:**

Is-Sur Guido Borg (Chairman)
It-Tabib John Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Erbgħa u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tieni laqgħa ta' nhar il-Erbgħa, 11 ta' April 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti ghall-approvazzjoni mis-Sur D. Zammit Marmara, li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Vici Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2 **Korrispondenza.**

**Ittra Nru 1782/12-** MEMO 17/2012-Skema EGOV4U. Din tittratta dwar aktar aċċessibilita' għal ċittadini li jridu jagħrfu d-dinja tal-Informazzjoni Teknoloġika. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa ma japplikax, għar-raġuni li l-uffiċċju mhux aċċessibbli għal kulħadd kif ukoll li jrid isir investiment qawwi ta' ristrutturazzjoni fl-uffiċċju biex din l-iskema tkun tista' tiħaddem b'mod prattiku.

**Ittra Nru 1784/12-** Ittra mingħand Transport Malta fejn infurmaw il-Kunsill li r-rotta 55 skont kif proposta mill-Kunsill ser tiġi fis-seħħ nhar is-27 ta' Mejju 2012.

**Ittra Nru 1829/12-** Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq Youth in Action Project fejn jintgħażel żagħżugħ jew żagħżugħa biex imur Venezja bejn il-11 u s-16 ta' Ġunju biex jattendi għas-seminar msemmi. Is-Sindku ppropona lil Charlene Giordmaina. Hawnhekk is-Sur D. Zammit Marmara saqsa lis-Segretarju jekk hemmx xi spejjez involuti. Is-Segretarju wieġeb li l-Kunsill ikun irid iħallas 50% tal-biljett tal-ajru. Is-Sur Zammit Marmara semma jekk hux il-kaz li jintefqu l-flus fuq dawn meta hawn iżjed affarijiet li jeħtieġu priorita' bħal toroq li qed jaqgħu biċċiet. Is-Sindku xtaq jippreċiża li l-Kunsill kull mhu ser joħroġ huwa nofs il-biljett

ta' l-ajru. Is-Sur Zammit Marmara saqsa minn liema fondi ser joħorġu dawn. Is-Sindku wieġeb li dawn il-flus joħrġu mill-fondi internazzjonali u jekk hemm bżonn huwa lest li dawn il-flus jingħataw mill-onorarja tiegħu dejjem jekk hi interessata. Il-Kunsillier Zammit Marmara saqsa għalfejn hi u mhux ħaddieħor. Ir-raġuni kienet li hi kienet il-President tal-Kunsill taż-Żgħażagħ ta' Ħal Balzan pero' jekk hemm xi ħadd mill-Kunsilliera li xtaq jinnomina lil xi ħadd dan jista' jagħmlu minnufih.

**Ittra Nru 1831/12-** Ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal dwar il-course " Rights for U". Għandħa tintbgħat kopja lill-iskejjel kollha ġewwa Ħal Balzan għal min hu interessat.

## 3 Audit Adjustments u Approvazzjoni tal-Financial Statements 2011.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2011 kif emendat wara li sar l-*audit*.

Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2011 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G.Borg. Ir-rapport ġie approvat unanimament u tmien kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett. Ġiet iffirmata wkoll *letter of representation* bid-data tal-25 ta' April 2012.

## 4 Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Jannar-Marzu 2012

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Jannar – Marzu 2011 (mehmuż).

Ir-rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Jannar – Marzu 2012 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 5 Sotto Kumitati

Is-Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill il-files tas-snin ta' qabel fuq id-dekasteri ta' kull sotto kumitat biex il-Kunsilliera jieħdu idea ta' kif kienu jaħdmu dawn is-sotto kumitati. Kull Kunsillier kif ukoll is-Sindku nnominaw dawk in-nies li offrew is-servizzi tagħhom u li ser jagħtu kontribut f'dawn il-Kumitati.

## 6 Tiġdid tal-Kuntratt tal- Perit tal-Kunsill

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill u poġġa fuq il-mejda email mibgħuta mill-Perit Anthony Bezzina li qed jaċċetta l-kundizzjonijiet li kellu fil-Kuntratt preċedenti u li dan għandu jerġa jiġi mġedded għal sena oħra. Il-Kunsill qabel unanimament biex dan il-Kuntratt jiġi mġedded.

## 7 Tiġdid tal-Polza ta' L-Assikurazzjoni tal-Kunsill

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill l-istima li ngħatat minn Island Insurance Brokers Ltd għat-tiġdid tal-polza ta' l-assigurazzjoni tal-Kunsill għal-sena mill-1 ta' Mejju 2012.

Il-Kunsill innota li l-kumment fil-*Management Letter* li kien għamel l-awditur meta kien qed jara l-*accounts* għas-sena 2011, li l-membri ma għandhomx għalfejn jkunu koperti fuq bazi ta' 24 siegħa *worldwide* .Il-Kunsill unanimament qabel li jkun kopert fuq bazi ta' 24hrs f'Malta biss.

## 8 Rapport dwar L-Ilmenti

**Ilment Nru.17012026166179:** Tinġibed l-attenzjoni li fejn is-substation fi Triq It-Tlett Knejjes hemm siġra li qed tostakola l-passaġġ għan-nies. Il-Kunsill ra li m'hemx lok għalfejn din is-siġra tiġi maqtugħa.

**Ilment Nru. 17012086166533**: Residenta tilmenta li qed isir xogħol abbusiv minn ġo garaxx privat fejn qed jingħataw is-servizzi ta'panel beater mingħajr il-permessi meħtieġa. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju biex jikteb lis-Surpretendent tal-Għassa ta' B'Kara kif ukoll l-enforcement unit tal-MEPA biex isiru il-verifiki meħtieġa.

## 9 Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku xtaq jagħmel referenza għal problema ta' l-istat ħażin li jinsabu fihom it-toroq Triq Wied Ħal Balzan u Triq Il-Ferrovija L-Antika fejn hu kien talab lis-Segretarju biex jelenka il-korrispondenza kollha li ntbgħatet lill-Awtoritajiet Governattivi mill-2008 il'hawn .

Huwa talab lis-Segretarju biex għal darb oħra tinkiteb ittra oħra fejn tiġi spjegata l-pożizzjoni tal-Kunsill u li dawn hemm bżonn jiġu mibnija mill-ġdid b'fondi ġejjin mill-Gvern Ċentrali aktar u aktar għal fatt li l-Kunsill għandu f'idejħ korrispondenza fejn Triq il-Wied kienet qed tiġi kkunsidrata arterja prinċipali u mhux aktar taħt il-Kunsill fid-dawl tal-fatt li minn hemmhekk jgħaddu ħafna karozzi.

L-istess ħaġa rigward id-devoluzzjoni ta' art f'Wesgħa Ġuze' Aquilina u r-remissa li tinsab fi Triq FX Zahra għal darb oħra tinkiteb ittra oħra lid-Dipartiment ta' L-Artijiet biex il-Kunsill ikollu risposta mingħajr aktar dewmien. Din il-kwistjoni għadha ma ġietx solvuta wara diskussjonijiet li ilhom sejrin għal dawn l-aħħar erba' snin.

Is-Sindku talab ukoll lis-Segretarju biex jibgħat reminder lil Transport Malta biex jara fiex wasal il-każ tat-Traffic Management li kellu jsir fi Triq B.Bontadini, Triq San Gabriel u l-inħawi tagħhom.

**10 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-25 ta'April 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 14,117.32

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**11 Affarijiet Oħra**

Il-Kunsillier S. Gatt informa li kien hemm ittra fuq gazzetta partikolari fejn individwu qed joġġezzjona milli jiġu installati pannelli photovoltaiċi fuq il-Knisja u qed jagħmel pressjoni fuq il-Kunsill biex jintervjeni.

Is-Segretarju iċċekkja u nforma lil Kunsill li s'issa għadha ma saret ebda applikazzjoni mal-MEPA u li m'hemmx lok li tittieħed azzjoni meta m'hemmx applikazzjoni.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data